# MILL-FORTIZZI GĦAL FORTNITE: HERITAGE MALTA FI PLAYCON 2025

**Stqarrija | 6 ta' Ottubru 2025**

Matul l-edizzjoni ta' din is-sena tal-PlayCon, li se ssir fl-MFCC f'Ta' Qali bejn id-9 u t-12 ta' Ottubru, Heritage Malta qed tesponi tliet logħbiet innovattivi, iddisinjati mit-Taqsima tat-Teknoloġija u l-Iżvilupp tal-Esperjenza fi ħdanha biex iwasslu l-wirt kulturali lill-pubbliku b'esperjenzi eċċitanti u interattivi.

Lil hinn mil-lat ta' divertiment, dawn l-inizjattivi jinkorporaw il-missjoni usa' ta' Heritage Malta li tgħaqqad lin-nies mal-patrimonju permezz tal-kreattività, it-teknoloġija, l-edukazzjoni, u l-aċċessibilità. Bil-ħila tal-esperti tagħha fil-kodifikazzjoni, id-disinn tal-logħob, l-animazzjoni, u l-ittestjar, l-aġenzija qed tittrasforma l-istorja u temi kurrenti bħall-gwerra, il-paċi, u t-tibdil fil-klima f'esperjenzi interattivi li jgħinu biex tissawwar rabta eqreb mal-imgħoddi u riflessjoni dwar ir-rilevanza tiegħu llum.

L-ewwel logħba hija 'Fortress Malta', imnedija aktar kmieni din is-sena biex tfakkar żewġ tragwardi importanti – il-50 anniversarju tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra u t-80 anniversarju mit-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija fl-Ewropa. Issa parti mill-wirja permanenti fil-Forti Sant'Iermu u l-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra, din l-installazzjoni ta' realtà mħallta tistieden lil dawk li jilagħbuha biex jidħlu fir-rwol ta' gunner tat-Tieni Gwerra Dinjija li jħaddem kanun Bofors kontra l-ajruplani waqt attakk mill-ajru. It-logħba tħallat bla xkiel props fiżiċi ma' ambjenti virtwali immersivi u toffri mod impressjonanti kif wieħed jerġa' jgħix l-istorja ta' Malta fi żmien il-gwerra.

Heritage Malta qed tippreżenta wkoll żewġ logħbiet ġodda fjamanti li l-ewwel waħda minnhom hija 'Guardians of Stećci'. Dan il-platformer 2D ibbażat online, maħluq bħala parti mill-proġett Horizon tal-Unjoni Ewropea 'STECCI', jippermetti lill-plejers jiddiġitizzaw lapidi medjevali magħrufa bħala stećci, li jinsabu fil-Bosnija Ħerzegovina u r-reġjuni tal-madwar u li huma rikonoxxuti mill-UNESCO bħala Wirt Dinji. Mibnija bl-iscans 3D u assi 2D li l-ispeċjalisti tad-diġitizzazzjoni fi ħdan Heritage Malta rreġistraw minn 15-il sit fi 8 pajjiżi, il-logħba tirrifletti l-għan tal-proġett li jqajjem kuxjenza dwar l-effetti ħżiena tat-tibdil fil-klima fuq il-wirt kulturali.

'Relics of the Past: Museum Tycoon', imbagħad, timmarka d-debutt ta' Heritage Malta fuq il-pjattaforma globali Fortnite, fejn il-plejers jiskavaw, jikkonservaw u jikkuraw il-mużewijiet diġitali tagħhom stess bl-użu ta' artefatti diġitizzati mill-kollezzjoni nazzjonali. Dawn iż-żewġ logħbiet ġodda se jkunu disponibbli f'forma ta' demo waqt PlayCon, bil-pubbliku mistieden jittestjahom, jaqsam ħsibijietu, u jgħin lil Heritage Malta tkompli tirfina dawn l-esperjenzi.

Il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, Noel Zammit, saħaq li: "B'dawn it-tliet logħbiet, qed nuru l-ħeġġa u l-enerġija tagħna biex dejjem nimxu maż-żminijiet u nibqgħu fuq quddiem anke fejn tidħol it-teknoloġija. Barra minn hekk, qed inkomplu nwettqu l-

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

missjoni tagħna li niggarantixxu lil dawk li jżuruna u lill-pubbliku ġenerali esperjenzi ħolistiċi u multisensorjali, speċjalment liż-żgħażagħ, li fuqhom jistrieħ il-ġejjieni tal-patrimonju kulturali ta' pajjiżna."

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta